# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn tnax (12) taʼ Gunju 2017**

**Rikors Numru 431/12 FDP**

**Roberta Messina**
**(ID 411169M)**

**vs**

**Dr Toni Abela, bhala editur tal-gazzetta Kullhadd u, b'digriet tas-16 ta' Novembru 2016, Aleander Balzan (ID 586485M) assuma l-atti flok Dr Toni Abela**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid 19 ta' Dicembru 2012 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlet referenza ghall-artikolu ippubblikat fil-harga tal-gazzetta Kulladd tat 2 ta' Dicembru 2012 intitolat '**Tajba ghal tal-Qalba**', talbet lill dina l-Qorti tiddikjara tali artikolu bhala libelluz u malafamanti fil-konfront taghha peress illi jikkontjeni allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront taghha intizi sabiex joffendu l-unur u l-fama taghha u jesponuha ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku. Hija talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas danni a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna illi deher fil-pagna ta' wara tal-gazzetta Kullhadd u taht karikatura ta' diversi fatati bit-titolu '**Gonzibusters**' jidher artikolu intitolat '***Tajba ghal tal-Qalba***' fejn, hdejn ritratt tar-rikorrenti u tar-ragel taghha, Dr Peter Fenech, kien hemm miktub is-segwenti:

> *Hekk kif GonziPN kien qieghed jahseb biex jikri l-Isptar San Filippu minghand l-eks President tal-PN, Frank Portelli ghas-somma fenomenali ta' €12.4 miljun, jigifieri ghal €850,000 fis-sena ghal seba snin shah, kien imiss issa li anke l-aktar karigi importanti f'dan l-Isptar jimtlew mill 'hbieb tal-hbieb' tal-klikka GonziPN.*

*Fost il-karigi vakanti li nholqu biex ikun jista jitmexxa dan l-isptar hemm dik ta' Kap Ezekuttiv.*

*Is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal din l-kariga gdida ghalqet fit 12 ta' Ottubru li ghadda.*

*Il-gazzetta Kullhadd tinsab infurmata li l-persuna li ntghazlet biex tokkupa din il-kariga hija Roberta Messina li tigi mart l-Avukat Peter Fenech li mexxa l-kampanja ghal-leadership tal-PN f'isem l-eks Ministru Nazzjonalista Louis Galea.*

*Roberta Messina li hija mir-Rabat, li jahbat ukoll fid-distrett tal-Ministru tas-Sahha Joe Cassar, hija bint Charles Messina, li ftit gimghat ilum nhatar fil-kariga ta' Kummissarju ghas-Sahha fl-Ufficcju tal-Ombudsman. (sottolinjar tar-rikorrenti)*

*Imma din mhijiex l-unika kariga li Roberta Messina nghatat mill-Gvern ta' GonziPN dan l-ahhar.*

*Fil-gimghat li ghaddew, l-istess Messina nhatret Chief Operating Office tal-Isptar ghar-Riabilitazzjoni Karen Grech, li ladarba jibda jopera l-Isptar San Filippu, jaghlaq. Biex tokkupa din il-kariga hija nghatat salarju ta' €60,000, barra l-perkacci. (sottolinjar tar-rikorrenti)*

*Roberta Messina hija wkoll ic-Chairperson tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, u ghal din il-kariga ghandha salarju ta' €30,000 fis-sena. (sottolinjar tar-rikorrenti)*

*Peter Fenech, li huwa r-ragel ta' Roberta Messina, bhalissa jokkupa l-kariga ta' Chairman ta' Dar il-Mediterran ghall-Konferenze u t-Teatru Manoel, kariga li taghha qieghed jithallas eluf kbar ta' ewro fis-sena. Apparti minn hekk, ghandu karozza mikrija u mhallsa mill-fondi pubblici.*

*Fenech qieghed igawdi minn dawn il-beneficcji kollha minkejja s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Dar il-Mediterran u t-Teatru Manoel jinsabu fi stat hazin hafna tant li z-zewgt entitajiet lanqas ghandhom biex jixtru l-materjal mehtieg ghal manutenzjoni li jehtiegu.*

*Peter Fenech huwa wkoll membru tal-Awtorita' tax-Xandir fejn jirrappresenta lill-Partit Nazzjonalista.*

Rat illi, ghalkemm debitamenti notifikat, l-intimat baqa' ma ppresenta ebda risposta.

Rat l-affidavit ta' **Roberta Messina** ippresentat fil 15 ta' Frar 2013 flimkien ma' dokumentazzjoni maghha esebita.

Rat illi fil 15 ta' Frar 2013 ir-rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Rat illi fit 22 ta' April 2013, il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat illi fit 30 ta' April 2013 l-intimat ippresenta rikors sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu fejn talab ukoll illi jinghata l-fakolta' jippresenta l-eccezzjonijiet tieghu, liema rikors intlaqa' minn dina l-Qorti fis 7 ta' Mejju 2013.

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimat ippresentati fl-10 ta' Mejju 2013 fejn sahaq illi dak miktub bl-ebda mod ma ingurja jew telleh il-gieh jew reputazzjoni tar-rikorrent peress illi sahaq illi huwa kellu kull dritt illi jipprattika l-liberta' ta' l-espressjoni tieghu u l-kontenut li dwaru huwa kiteb kien 'fair comment' li huwa permessibbli f'kull socjeta' demokratika li thaddan bi shih il-liberta' ta' l-espressjoni.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Roberta Messija fit 3 ta' Marzu 2014.

Rat illi bejn it 2 ta' Mejju 2014 u 17 ta' Ottubru 2016 saru sittax-il seduta fejn l-intimat qatt ma ressaq provi, u dan dejjem bil-pretest illi jew ikun imhabbat f'awla ohra, jek inkella nesa jharrek xhud jew inkella harrek xhud imma ma giex notifika.

Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2016 il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-gbir tal-provi maghluqa u ddiferit il-kawza ghat-trattazzjoni finali.

Semghet it-trattazzjoni finali tar-rikorrenti illi sary fl-24 ta' Ottubru 2016, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat ir-rikors ta' l-intimat ippresentat fil-25 ta' Ottubru 2016 fejn, ghal darba ohra, talab li l-Qorti takkordah differiment sabiex jippresenta l-provi finali taghu.

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti tas 27 ta' Ottubru 2016 fejn laqghet it-talba u ddifferit il-kaz ghall-ahhar darba ghat 12 ta' Jannar 2017, wara liema data il-provi jigu dikjarati maghluqa darba ghal dejjem.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Roberta Messina moghtija fit 12 ta' Jannar 2017.

Rat illi fit-12 ta' Jannar 2017 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentati fl-20 ta' Frar 2017.

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimat ippresentati fis 26 ta' April 2017.

Rat illi fis 27 ta' April 2017 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti, li hija spizjara, tigi mart Dr Peter Fenech illi, fiz-zmien meta nkiteb l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, kien ic-Chairman ta' Dar il-Mediterran ghall-Konferenza kif ukoll it-Teatru Manoel u kien ukoll il-membru fi hdan l-Awtorita' tax-Xandir ghall-Partit Nazzjonalista.

Jirrizulta wkoll illi fis-27 ta' Lulju 2012, (fol 26-32) ir-rikorrenti nghatat kuntratt ta' servizz ta' tlett snin mal-Foundation for Medical Services fejn giet impjegata bhala Chief Operations Officer tal-Rehabilitation Hospital Karin Grech, fejn hija kienet ilha tahdem sa mis-sena 1992 meta dahlet tahdem bhala spizjara. Dana l-impjieg kien remunerat bi paga 'gross' ta' €35,300 fis-sena flimkien ma' performance bonus discrezzjonali ta' 10 fil-mija tal-paga. Hija kellha wkoll 'car allowance' ta' €4,333, servizz ta' 'mobile phone' imhallas, Professional Membership allowance ta' €466 u Continuous Professional Development allowance ta' €971.

Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent, fiz-zmien tal-pubblikazzjoni tal-artikolu, kienet tokkupa l-kariga ta' Chairperson tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol, ghal liema kariga hija, fis-sena 2012 ippercepiet salarju 'gross' ta' €13,546 (fol 49)

Jirrizulta illi r-rikorrenti kienet toqghod gewwa l-Iklin qabel ma zzewget u sussegwentement marret toqghod Hal-Lija.

Jirrizulta wkoll illi r-rikorrenti tigi bint Charles Messina, illi jokkupa l-kariga ta' Kummissarju ghas-Sahha fi hdan l-Ufficju tal-Ombudsman.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-artikolist illi kiteb l-artikolu fil-pagna ta' wara tal-gurnal Kullhadd gharraf lill qarrejja tieghu illi r-rikorrent tghix fir-Rabat, li kien id-distrett fejn kien johrog il-Ministru tas-Sahha ta' dak iz-zmien, Dr Joe Cassar, fatt illi jirrizulta ma huwiex korrett peress illi mill-provi prodotti mill-intimata, sa mis-sena 1992 hija kienet registrata fir-Registru Elettorali bhala li tghix l-Iklin, u sussegwentement marret tghix Naxxar u u eventwalment Hal-Lija (fol 15-24).

Jirrizulta illi l-artikolist gharraf ukoll lill-qarreja tieghu illi r-rikorrenti kienet giet appuntata bhala Kap Ezekuttiv ta' l-Isptar San Filippu, li kien ser jinkera mill-Gvern tal-gurnata. Madanakollu, ghalkemm l-intimat kellu tnejn u ghoxrin seduta fuq medda ta' kwazi erbgha snin, qatt ma ressaq ebda prova in sostenn ta' tali allegazzjoni.

Jirrizulta illi l-artikolist gharraf ukoll lill qarreja tieghu illi r-rikorrenti, ftit gimghat ilu, kienet giet appuntata Chief Operations Officer tal-Rehabilitation Hospital Karin Grech u ta dan kienet qed tithallas salarju €50,000 flimkien ma' perkacci. Tali informazzjoni, madanakollu, ghalkemm korretta ghal dak li jirrigwarda n-nomina, ma hija korretta bl-ebda mod meta tqis is-salarju illi attwalment kienet tippercepixxi, peress illi jirrizulta illi s-salarju gross kien ta' €35,300 flimkien ma' 10% performance bonus u allowances li, fit-totalita taghha, jammontaw ghal ftit anqas minn sitt elef Euro.

Jirrizulta, finalment, illi l-artikolist gharraf ukoll lill qarrejja tieghu illi r-rikorrenti kienet ukoll Chairperson tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol, ghal liema kariga, skond l-intimat, hija kienet tithallas €30,000 fis-sena. Tali informazzjoni, ghal darba ohra, ghalkemm korretta ghal dak li jirrigwarda n-nomina tar-rikorrenti, ma hija korretta bl-ebda mod meta tqis illi s-salarju 'gross' illi attwalment ippercepiet fis-sena 2012 ippercepiet ta' €13,546.

Jirrizulta ben car, ghalhekk, illi l-artikolu redatt mill-artikolist, illi ghalih huwa responsabbli l-intimata bhala editur tieghu, kien mimli informazzjoni skorretta u esagerata, intiza sabiex titfa dell ikrah fuq ir-rikorrenti, partikolarment fejn jidhlu flus, illi hija wahda mill-aktar affarjiet illi tqajjem kontroversja fost ic-cittadin Malti.

**Ikkunsidrat**

Qabel ma' tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-fatt tal-kaz, il-Qorti ma tistax ma turix id-disapprovazzjoni totali taghha dwar id-dewmien ezagerat u bla bzonn illi kkawza l-intimat sabiex jippresenta l-provi tieghu, fejn ir-rikorrenti ghalqet il-provi taghha fil-15 ta' Frar 2013 u l-intimat, minn dakinhar, talab ghal tnejn u ghoxrin seduta fuq medda ta' kwazi erbgha snin sabiex iressaq il-provi tieghu, biex eventwalment ma ressaq ebda provi da parti tieghu u illimita ruhu illi jaghmel il-kontro ezami ta' l-intimata darbtejn.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt illi jsiru ilmenti dwar dewmien fil-kawzi u sahansitra l-Qrati jigu akkuzati li min jitob ghall-protezzjoni taghha ma jistax jiehu s-sodisfazzjon xieraq u immedjat kif misthoqq, fil-kaz odjern, huwa car illi tali dewmien huwa dovut ghall-agir ta' l-intimat u d-dilungar inutili u bla bzonn ta' kawza ghall erbgha snin shah, liema fatt ma jistax ma jigix ikkundannat bil-kbir u kastigat kif mehtieg. Dana ghalhekk ser jkun rifless fid-danni illi eventwalment tikkunsidra dina l-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, l-intimat, fid-difiza tieghu, qajjem l-argument illi dak kollu illi intqal kien jinkwadra ruhu fid-difiza ta' "fair comment".

Fuq tali difiza, **Gatley on Libel and Slander** jghid is-segwenti,:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Lokalment, il-Qrati taghna dejjem hadu linja cara dwar id-difiza ta' kumment gust, liema difiza hija carament rrapurtata fis-sentenza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, fejn intqal is-segwenti:

> *dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Applikati tali principji ghall-kaz odjern w il-kummenti illi dwaru hasset ruhha aggravata ir-rikorrent, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, abbazi tad-dokumentazzjoni pprovduta lill dina l-Qorti unikament mir-rikorrenti peress illi l-intimat qatt ma ressaq ebda provi ohra ghajr il-kontro ezami tar-rikorrenti, l-allegazzjonijiet illi saru fil-konfront tar-rikorrenti illi hija kienet qieghda tithallas pagi ta' €50,000 u €30,000 rispettivament ghall karigi taghha ta' Chief Operations Officer tal-Rehabilitation Hospital Karin Grech u Chairperson tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol kien totalment skorretti w il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi dana sar unikament sabiex thammeg ir-reputazzjoni tar-rikorrenti.

Apparti minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi tul l-artikolu tieghu, l-artikolist jaghti x'jifhem illi r-rikorrenti inghatat tali karigi peress illi tghix fl-istess distrett elettorali tal-Ministru tas-Sahha ta' dak iz-zmien Dr Joe Cassar, kif ukoll in vista tal-fatt illi hija bint Charles Messina, li kien ghadu jif inhatar Kummissarju ghas-Sahha fl-Ufficcju tal-Ombudsman. Tali allegazzjonijiet, madanakollu, ma jsibu ebda bazi, stante illi hareg car illi r-rikorrent qatt ma kienet kostitwenta ta' Dr Joe Cassar, kif allega l-artikolist. Apparti minn hekk, kif xehdet ir-rikorrenti, hija gradwata bhala

Spizjara kif ukoll ghamlet studju ulterjuri sabiex tkun tista tapplika ghal karigi bhalma kienu dawk illi hija kellha dak iz-zmien. Ghal darba ohra, il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi tali allegazzjonijiet saru unikament sabiex ihammgu r-reputazzjoni tar-rikorrenti.

Din il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghal dak li gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

> *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

Huwa car illi fil-kaz odjern, l-artikolist kellu kull intenzjoni illi jhammeg ir-reputazzjoni tar-rikorrenti, u ghalhekk l-artikolu ma jistax ma jitqiesx bhala libelluz u malafamanri fil-konfront tar-rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** it-talbiet attrici, u ghalhekk, filwaqt illi

**Tiddikjara** il-kontenut tal-artikolu illi deher fil-harga ta' **Kullhadd** tat-2 ta' Dicembru 2012 intitolat '***Tajba ghal tal-Qalba***', bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti.

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrenti bhala danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 is-somma ta' erbghat elef Euro (€4,000).

Spejjez u Imghax fuq is-sorte mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv a karigu ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur